MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 395/2006

**Talba Nru: 395/06PBC**

**Fogg Insurance Agencies Limited C597 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Cuty Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm542.92c) rapprezentanti l-*premia* u hlasijiet ancillari dovuti mis-

socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' servizzi ta' assikurazzjoni pprestati mis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm542.92c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------